# Aktar tajr protett maqtul

## BirdLife Malta għal darba oħra tappella lill-PM biex jissospendi l-istaġun tal-kaċċa b'seħħ immedjat

Rapporti kkonfermati lil BirdLife Malta mill-Pulizija ta' Għawdex jindikaw li tliet Kuċċardiet (Honey Buzzard) oħra kienu osservati jinqatlu f'Għawdex fl-aħħar sigħat. L-għasafar niżlu fil-baħar u wieħed minnhom inġabar minn *rock climber* professjonali li għadda l-Kuċċarda mejta lill-pulizija li interrogawh għall-fatti kollha. Aktar tard is-*snorkeller* li hu Ingliż ta' nisel Malti tella' l-istorja tiegħu onlajn fuq il-blog personali tiegħu fejn anke ddikjara li kien spiċċa kważi maqtul minn kaċċaturi illegali f'Għawdex (ara l-ħoloq aktar 'l isfel).

F'dawn iċ-ċirkostanzi, BirdLife Malta tinsisti li dan il-qtil illegali bla kontroll ta' tajr protett se jibqa' għaddej sakemm il-Gvern ma jiħux azzjoni immedjata llum qabel għada. Għal darba oħra qed nappellaw lill-Prim Ministru biex jissospendi l-istaġun tal-kaċċa sal-15 ta' Ottubru. Dan huwa l-uniku mod kif l-isforzi limitati ta' infurzar jistgħu jagħtu xi tip ta' riżultat.

Diffiċli wieħed jifhem kif il-Gvern ma jikkunsidrax is-sitwazzjoni attwali bħala waħda allarmati u għalhekk nistennew li l-Gvern jieħu l-pass kuraġġjuż minflok iwaħħal fil-Kumitat Ornis. Il-liġi tgħid ċar u tond li l-Gvern jista' jiddeċiedi li jissospendi l-istaġun tal-kaċċa f'kundizzjonijiet ta' ċerta gravità. U s-sitwazzjoni hi aktar minn gravi, bit-tajr protett li nqatel s'issa jammonta għal 19. Diġà rajna 7 Kuċċardiet u 2 Ċikonji Suwed fost it-tajr protett li spiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali u l-Gvern xorta qed jibqa' sieket. Dan hu inaċċettabbli u t-talba tagħna tibqa' konsistenti – dik li l-istaġun jiġi sospiż. Nittamaw li l-Gvern isib il-kuraġġ li jagħmel dak li hu sewwa.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Il-blog tal-Ingliż ta' nisel Malti Stevie Haston li ttella' onlajn ilbieraħ
http://steviehaston.blogspot.com.mt/2016/09/death-of-hope-and-3-honey-buzzards-by.html?m=1

L-istorja kif rappurtata fit-Times of Malta llum
http://www.timesofmalta.com/articles/view/20160917/local/hunters-nearly-killed-me-while-i-was-snorkelling.625293